31992R2235

1.8.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 218/105

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2235/92

## tal-31 ta' Lulju 1992

## li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-għajnuna għall-konsum ta' prodotti friski tal-ħalib fil-Gżejjer Kanarji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 li jirrigwarda miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji rigward ċerti prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artiklu 11 (2),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru1676/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 fuq il-valur ta' l-unità ta' kont u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-għanjiet ta' politika agrikola komuni ([2]), kif ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2205/90 ([3]),

u b'mod partikolari l-Artikolu 12,

Billi r-Regolament imsemmi fih dispożizzjonijiet għal għajnuna li tingħata għall-konsum mill-bniedem ta' prodotti friski tal-ħalib tal- baqar fil-Gżejjer Kanarji, fil-limiti tal-ħtiġijiet ta' konsum tal-Gżejjer Kanarji;

Billi l-ħlas ta' għajnuna huwa suġġett għall-benefiċċju li fl-aħħar mill-aħħar jgħaddi għand il-konsumatur sabiex ma jitħalliex jogħla l-prezz għall-konsumatur ta' dawk il-prodotti;

Billi, biex tħeġġeġ l-konsum ta' prodotti lokali friski tal-ħalib, ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżura msemmija għandhom jiġu preskritti, fosthom il-kwantità ta' prodotti tal-ħalib li jikkwalifikaw għall-għajnuna;

Billi l-awtoritajiet amministrattivi għandhom ikunu pprovduti b'għodda xierqa biex ma jħallux l-għajnuna msemmijja titbiegħed mill-għanijiet tagħha, li huma l-bejgħ regolari fis-suq lokali ta' prodotti friski tal-ħalib tal-baqar u t-trasferiment tal-benefiċċju lill-konsumatur aħħari;

Billi miżuri ta' kontroll għandhom jitwaqqfu mill-awtoritajiet nazzjonali biex jaraw li l-iskema ta' għajnuna qed titħaddem sew; billi għandhom isiru dispożizzjonijiet biex kull tant żmien isiru rapporti lill-Kummissjoni;

Billi l-arranġamenti li twaqqfu mir-Regolament (KEE) Nru 1601/92 bdew iseħħu mill-1 ta' Lulju 1992; billi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess data;

Billi l-miżuri li għalihom hemm dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tal-Ħalib,

([1]) ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
([2]) ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.
([3]) ĠU L 201, tal-31.7.1990, p. 9.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-għajnuna għall-kunsum mill-bniedem ta' prodotti friski tal-ħalib tal-baqar fil-Gżejjer Kanarji li għaliha hemm disposizzjoniet fl-Artikolu 11 tar- Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 għandha titħallas, soġġetta għal-limitu ta' 44 000 tunnellata ħalib sħiħ, għal perjodu ta' 12-il xahar.

2. L-ammont ta' għajnuna għandujkun ta' 7 EKU kull100 -kilogramma ta' ħalib sħiħ użat fil-produzzjoni tal-ħafna prodotti msemmija fl-Anness għar-Regolament. Għandu jiġi maqlub fil-valuta nazzjonali skond ir-rata agrikola ta' kambju applikabbli fl-ewwel jum tax-xahar li fih tintbagħat l-applikazzjoni għall-għajnuna.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, 'ħalib sħiħ' iffisser il-prodott miksub minn ħalba ta' baqra waħda jew iżjed u li l-kompożizzjoni tiegħu ma tinbidilx wara l-ħalba.

*Artikolu 2*

1. L-għajnuna għandha tingħata fuq applikazzjoni bil-miktub mill-irziezet tal-baqar li jintrabtu li:

(a) iżommu kont li juri, b'mod partikolari, il-kwantitajiet ta' kull prodott tal-ħalib u l-kwantitajiet ta' ħalib użati f'dawk il-prodotti;

(b) joqogħdu għal kull miżura ta' kontroll li jistabbilixxi l-Istat Membru interessat, b'mod partikolari fir-rigward ta' verifika ta' kontijiet u kontroll tal-kwalità tal-prodotti msemmija.

2. Applikazzjonijiet għall-ħlas ta' l-għajnuna għandhom isiru fuq formula standard stampata apposta kif mitlub mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru u jkun fihom ta' l-anqas dan li ġej:

— il-kwantitajiet ta' ħalib użati f'kull prodott skond il-kategorija tal-prodott,

— l-isem u l-indirizz tar-razzett tal-baqar,

— l-ammont ta' għajnuna korrispondenti.

*Artikolu 3*

1. Spanja għandha tieħu kull miżura xierqa, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontroll, biex tiżgura li:

(a) l-għajnuna tingħata biss għall-prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu1 maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem fil-Gżejjer Kanarji;

(b) il-benefiċċju mill-għajnuna jgħaddi għand il-konsumatur billi jkun hemm impatt attwali fil-prezz tal-bejgħ bl-imnut.

2. Spanja għandha tavża lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bil- miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

1. Il-kontrolli magħmula skond l-Artiklu 2 (1) għandhom ikunu mmniżżla f'rapport li jispeċifika:

— id-data tal-kontroll,

— il-post tal-kontroll,

— ir-riżultati miksuba.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom javżaw lill-Kummissjoni b'xi każijiet ta' irregolaritajiet fi żmien erba' ġimgħat.

*Artikolu 5*

F'każijiet fejn il-benefiċċju ta' l-għajnuna ma jgħaddix għall-konsumatur aħħari, l-awtoritajiet kompetenti fi Spanja:

— għandhom jiġbru lura l-għajnuna kollha jew parti minnha,

— jistgħu jillimitaw jew jissospendu d-dritt għall-għajnuna għal xi żmien jew għal dejjem, skond kemm ikun serju n-nuqqas milli jitħarsu l-obbligazzjonijiet.

*Artikolu 6*

Spanja għandha tibgħat lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' kull xahar, dan li ġej fir-rigward tax- xahar ta' qabel:

— il-kwantitajiet li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet għall-għajnuna,

— il-kwantitajiet li għalihom l-għajnuna ġiet approvata.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda jseħħ mill-1 ta' Lulju 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-31 ta' Lulju 1992.

*Għall- Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

**Lista ta' prodotti eliġibbli għall-għajnuna mill-Komunità msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92**

1. Ħalib mhux ipproċessat.
2. Ħalib shiħ, pasturizzat.
3. Krema.
4. Yogurt tal-ħalib shiħ.
5. Ġobon frisk b'kontenut ta' grass, ippeżat xott, li ma jaqbiżx l-40 %.